**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 191823** **02.09.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Skolasajf fil-Parlament 2019 – miri ta' żvilupp sostenibbli***

It-tfal miċ-ċentri ta' Skolasajf fil-Mellieħa, Naxxar u Raħal Ġdid żaru l-Parlament ta' Malta fejn ipparteċipaw f'edizzjoni oħra ta' Skolasajf fil-Parlament 2019. Matul din il-laqgħa, it-tfal ta' Skolasajf tellgħu reċta u ddiskutew ma' membri tal-Parlament il-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli. Dawn għandhom jitqiesu bħala pjan ta' azzjoni sabiex l-istati membri tan-Nazzjonijiet Uniti, fosthom Malta, iħabirku sabiex:

- jitħarsu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, kif imfissra fid-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittiiet tal-Bniedem tal-1948;
- jissieħbu f'ħidma favur il-fqar fid-dinja, li jgħoddu madwar 836 miljun;
- isostnu ħidma favur l-imġewħin fid-dinja;
- kulħadd ikollu aċċess għal kura medika;
- tingħata għajnuna għall-edukazzjoni tat-tfal ta' pajjiżi fqar;
- issir ħidma kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fost il-bnedmin;
- nilqgħu għal effetti ħżiena fit-tibdil tal-klima fid-dinja, u
- jitħarsu l-istituzzjonijiet tal-istat demokratiku bl-għan li jissaħħu l-valuri u prinċipi demokratiċi, il-ġustizzja u l-ordni soċjali.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker Anġlu Farrugia fisser kif azzjoni biex jinkisbu l-miri ta' żvilupp sostenibbli ġġib magħha kemm sfidi, kif ukoll opportunitajiet. Sfidi għaliex ser iġibu tibdil għall-aħjar fl-għaxjien tal-ġnus fid-dinja, u opportunitajiet għaliex jintlaħqu miri għolja ta' għajxien u żvilupp uman. L-Ispeaker tenna kif f'pajjiż bħal Malta qed jaspira għal aktar progress, l-awtoritajiet għandhom jimpenjaw ruħhom biex huma jipproteġu u jħarsu l-ambjent kemm naturali kif ukoll urban, fil-bliet u rħula tagħna, b'arja pura u nadifa, spazji pubbliċi għal rikreazzjoni, siġar li jħaddru u ġonna miżmuma tajjeb, fejn il-poplu jkun jista' jgawdi l-indafa u arja nadifa, japprezza l-wirt storiku u l-patrimonju artistiku, u jeżerċita ruħu f'attività fiżika u sportiva. L-iskop ta' dan kollu hu li l-poplu Malti jikber fil-bżulija, fl-indafa u jkun fiżikament b'saħħtu.

Matul din il-laqgħa, it-tfal u l-Membri Parlamentari preżenti ddiskutew diversi aspetti dwar il-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli, fost dawn:

- il-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari l-ħtieġa li jitħarsu u jiżdiedu aktar is-siġar f'pajjiżna;
- is-saħħa fl-iskejjel;
- il-provvista ta' enerġija minn sorsi rinovabbli u effiċjenti;



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

- it-trasport f'pajjiżna, inkluż dak pubbliku, *bike lanes* u *electric cars*; u,
- il-ġenituri li jaħdmu u l-familja.

Skolasajf fil-Parlament 2019 kien organizzat mill-Parlament ta' Malta, flimkien mal-Fondazzjoni Servizzi Edukattivi, l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea, u l-Fondazzjoni Maltija għall-Ġid tas-Soċjetà.

Il-konferenza ġiet indirizzata mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo, mill-Membri Parlamentari David Agius, Robert Cutajar, Alex Muscat, Clyde Puli, Stefan Zrinzo Azzopardi, kif ukoll mill-President Emeritus ta' Malta, is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca, *Chairperson* tal-Fondazzjoni Maltija għall-Ġid tas-Soċjetà.